

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għas-Sajd

13.4.2007

PE 388.371v01-00

EMENDI 14-17

Abbozz ta' rapport

(PE 388.371v01-00)

Zdzisław Kazimierz Chmielewski

Proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' pjan plurijennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u l-industriji tas-sajd li jisfruttaw dawk l-istokkijiet.

Proposal for a regulation (COM(2006)0411 – C6-0281/2006 – 2006/0134(CNS))

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi tal-Parlament

Emenda mressqa minn Carl Schlyter

Emenda 14

Premessa 3 a (ġdida)

(3a) Billi skond l-aħħar informazzjoni mill-ICES, madwar 35-45% tal-merluzz li nqabad fil-Lvant tal-Baħar Baltiku inqabad b'mod illegali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din hija l-figura mogħtija minn Hans Lassen ta' l-ICES waqt preżentazzjoni lill-Kumitat għas-Sajd fi Frar 2007.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter

Emenda 15
Premessa 3 b (ġdida)

(3b) Billi skond il-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali tal-FAO dwar is-sajd IUU: "L-Istati għandhom jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li l-impurtaturi, it-trasbordaturi, ix-xerrejja, il-konsumaturi, il-fornituri ta' tagħmir, il-bankiera, il-kumpaniji ta' assigurazzjoni, fornituri oħra ta' servizzi u l-pubbliku tagħhom jkunu konxji mill-effetti negattivi tal-fatt li jitrattaw ma' bastimenti identifikati bħala involuti f'sajd IUU";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ċitazzjoni mill-Paragrafu 73 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-FAO dwar is-Sajd IUU.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter

Emenda 16
Artikolu 4, paragrafu 1

The plan shall ***ensure the sustainable exploitation of the cod stocks concerned by gradually reducing and maintaining the fishing mortality rates at levels no lower than:***

1. Il-pjan għandu jimmira biex iżid il-kwantitajiet ta' ħut matur għal valuri ekwivalenti jew aktar minn:

- 1) 23,000 tunnellata għall-istokk tal-merluzz fis-Suddiviżjonijiet 22 sa 24, u***
- 2) 160000 tunnellata għall-istokk tal-merluzz fis-Suddiviżjonijiet 25 sa 32.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ICES iddefiniet l-inqas limitu aċċettabbli għal daqs ta' stokk (Blim) għall-merluzz fis-suddiviżjonijiet 25-32 bħala 160,000 tunnelata, imma ma ddefinitx dan il-limitu għas-suddiviżjonijiet 22-24, għalhekk il-limitu prekawzjonarju (Bpa) ta' 23,000 tunnellata qed jintuża għal dak l-istokk minflok. L-ICES qalet ukoll li mortalità tas-sajd ta' 0.3 sa 0.6 tas-suddiviżjonijiet 22-24 u 0.3 għas-suddiviżjonijiet 25-32 jirriżulta f'riskju baxx għar-

riproduzzjoni u rendiment għoli fuq medda ta' żmien twil, u għalhekk il-mortalità għandha tinżamm taħt dawk il-livelli.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter

Emenda 17

Artikolu 4, paragrafu 2, punti 1 u 2

- 1) 0.6 on ages 3 to 6 years for the cod stock in Subdivisions 22, 23 and 24, and
- 2) 0.3 għall-etajiet minn 4 sa 7 snin għall-istokk tal-merluzz fis-Suddiviżjonijiet 25 sa 32.

2. Meta l-ICES tiddetermina li dawn il-livelli ta' mira jkunu ntlaħqu, il-pjan għandu wkoll jiggarrantixxi l-isfruttament sostenibbli ta' l-istokkijiet tal-merluzz ikkonċernati billi gradwalment inaqas u jsostni r-rati ta' mewt tal-ħut minħabba s-sajd għal livelli ta' mhux ogħla minn:

- 1) 0.6 għall-etajiet minn 3 sa 6 snin għall-istokk tal-merluzz fis-Suddiviżjonijiet 22,23 u 24, u
- 2) 0.3 għall-etajiet minn 4 sa 7 snin għall-istokk tal-merluzz fis-Suddiviżjonijiet 25 sa 32.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ICES iddefiniet l-inqas limitu aċċettabbli għal daqs ta' stokk (Blim) għall-merluzz fis-suddiviżjonijiet 25-32 bħala 160,000 tunnelata, imma ma ddefinitx dan il-limitu għas-suddiviżjonijiet 22-24, għalhekk il-limitu prekawzjonarju (Bpa) ta' 23,000 tunnelata qed jintuża għal dak l-istokk minflok. L-ICES qalet ukoll li mortalità tas-sajd ta' 0.3 sa 0.6 tas-suddiviżjonijiet 22-24 u 0.3 għas-suddiviżjonijiet 25-32 jirriżulta f'riskju baxx għar-riproduzzjoni u rendiment għoli fuq medda ta' żmien twil, u għalhekk il-mortalità għandha tinżamm taħt dawk il-livelli.